TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

11

Avviż Numru CCT 24/18/F

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Landier Garage**

Illum 21 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Frar, 2018 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti flus li ħallas żejjed fuq dak miftiehem meta biddel il-magna, dik tal-petrol li jaqlibha għal gass.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ftiehem prezz mal-intimat sabiex jikkonverti l-karozza tiegħu illi kienet tal-petrol għal gass, pero' wara li għamillu x-xogħol bdiet tinnokkja u kellu jħallas mal-€500 sabiex titranġa u għalhekk qed jitlob dawn il-flus lura.

L-intimat issottometta li kien għamel kollox skond is-sengħa u l-arti, u li l-affarijiet li ġraw ma kinux tort tiegħu.

It-Tribunal, jinnota illi x-xogħol li kienu miftehma kien ħallas għalih u kien sar, pero' irriżulta wara li kien hemm xi ħsarat li m'humiex kollha direttament riżultat tax-xogħol li kien għamel l-intimat, u li kien hemm xi affarijiet li kellu jirranġa iktar.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888